Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Michael Mallia LL.D.

Att tal-Akkuza Numru 8/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**kontra**

**Domingo Ricardo Duran Navas**

Illum 2 ta' Ottubru, 2012,

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 8 tas-sena 2009 kontra l-akkuzat Domingo Ricardo Duran Navas li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-ewwel u uniku kap tal-att tal-Akkuza:

Illi Domingo Ricardo Duran Navas kien ġie l-ewwel darba f'Malta għal ħabta ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005). Bejn din id-data u l-ħdax ta' Settembru 2006 huwa ħareġ u daħal diversi drabi f'Malta.

Fil-ħdax ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006), il-Pulizija Maltija waqt il-kors t'investigazzjoni relatata ma' l-importazzjoni u traffikar ta' droga kokajina f'Malta minn persuni mhux ta' nazzjonalita Maltija, iddeċidiet li tagħmel operazzjoni ta' "controlled delivery" ta' droga kokajina wara li persuna ta' nazzjonalita barranija jisimha Enrique Martinez Burgoa kien ġie maqbud fl-att li jimporta ammont ta' madwar kilogramma u nofs ta' droga kokajina. Dan Burgoa iddeċieda li jikkollabora mal-Pulizija sabiex taħt is-sorveljanza tagħhom, iċempel lil persuni lil lilhom din id-droga kellha tiġi konsenjata. Fil-fatt għal ħabta tat-3:30am il-Pulizija u Burgoa marru flimkien is-Sliema Hotel u Burgoa ċempel in-numru tat-telefon tal-persuni li kellhom jirtiraw id-droga. Wara ftit tal-ħin preżentaw ruħhom fil-kamra mikrija lil Burgoa f'din il-lukanda, ghal din il-"controlled delivery", ċertu Jose' Pena flimkien ma' Domingo Ricardo Duran Navas.

Sadattant il-Pulizija kompliet bl-indaġini tagħha fil-konfront ta' Domingo Ricardo Duran Navas u rriżultalha li bejn Mejju u Awissu ta' l-2006 ċerta Omissis miż-Żurrieq, kienet trasferiet sommom ta' flus konsiderevoli, fl-ammont ta' ċirka disat

elef tminn mija ħamsa u tletin Liri Maltin u sbatax il-ċenteżmu (Lm9835.17) (ekwivalenti għal ċirka tnejn u għoxrin elf disa mija u disgħa Euro tmienja u sebgħin ċenteżmu (€22,909.78) lil diversi persuni fil-Panama, fosthom lil ċerta Yelena Linette Duran Navas.

Dak iż-żmien irriżulta li Omissis kellha relazzjoni personali ma' Domingo Ricardo Duran Navas. Domingo Ricardo Duran Navas kien ikkonvinċa lil din it-tfajla Maltija sabiex tramite l-kont bankarju tagħha ma' l-HSBC Bank Malta plc (numri 009-015074-050), titrasferixxi dawn il-flejjes lil diversi persuni fil-Panama li kienu indikati lilha mill-istess Domingo Ricardo Duran Navas. Domingo Ricardo Duran Navas kien, f'dati differenti, jagħti lil Omissis il-flus li kellhom jiġu trasferiti hawn fuq imsemmija in kontanti f'valuta ta' Liri Maltin (f'karti ta' għaxar Liri jew għoxrin Lira) kull darba li kien jgħidilha biex tagħmel dawn it-trasferimenti bankarji. Omissis kienet ukoll ġiet mogħtija minn Domingo Ricardo Duran Navas ħamest elef Liri Maltin (Lm5,000) (ekwivalenti għal ċirka ħdax il-elf sitt mija sitta u erbgħin Euro sitta u tmenin ċenteżmi (€11646.86)) fi flus kontanti li kienet iddepożitat fil-kont bankarju tagħha ma' l-HSBC Bank Malta plc hawn fuq imsemmi. Apparti minn hekk l-istess Domingo Ricardo Duran Navas kien ukoll ħallas kontijiet tal-Visa card intestati f'isem Omissis, nonche ħalsilha diversi affarijiet meta kienu joħorġu flimkien.

Mill-istħarriġ li kompliet tagħmel il-Pulizija irriżulta li minbarra dawn it-trasferimenti ta' flus hawn fuq imsemmija, Domingo Ricardo Duran Navas kien ukoll (flimkien ma' Omissis) xtara karozza Toyota Rav 4 (li kienet tiswa ċirka disat elef u tminn mitt Liri Maltin (Lm9800) ekwivalenti għal ċirca tnejn u għoxrin elf tminn mija sebgħa u għoxrin Euro ħamsa u tmenin ċenteżmi (€22,827.85)) li kienet mixtrija "on hire purchase", minn liema prezz Domingo Ricardo Duran Navas kien ħallas ukoll madwar tlett elef Liri Maltin (Lm3,000) ekwivalenti għal ċirka sitt elef disa mija tmienja u tmenin Euro u tnax il-ċenteżmu (€6,988.12). Domingo Ricardo Duran Navas kien ukoll jikri appartament li għalih kien iħallas madwar mitejn u sittin Liri Maltin (Lm260) (ekwivalenti għal ċirka sitt mija u ħames Euro tlieta u sittin ċenteżmi (€605.63)) fix-xahar. Kien ukoll suppost jattendi skola ta' l-ingliż f'Malta (Inlingua School) fejn kien ħallas mitejn disgħa u sebgħin Liri Maltin fix-xahar (Lm279) ekwivalenti għal ċirka sitt mija disa' u erbgħin Euro disgħa u tmenin ċenteżmi (€649.89)).

Minbarra dawn l-ammonti ta' flus minfuqa minn Domingo Ricardo Duran Navas kif hawn fuq imsemmi, irriżulta lil Pulizija li bejn Diċembru ta' l-2005 u Awissu 2006, huwa kien ukoll personalment, permezz ta' diversi istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw f'Malta, ittrasferixxa, f'dati differenti, ammont ta' ċirka ħmistax il-elf sitt mija erbgħa u ħamsin Liri Maltin tlieta u sebgħin ċenteżmi (Lm15,654.73) ekwivalenti għal ċirka sitta u tletin elf erba' mija ħamsa u sittin Euro wieħed u

sebgħin ċenteżmi (€36,465.71)) lil diversi persuni ta' nazzjonalita barranija fosthom lil Amalia Navas, Yelena Linette Duran Navas, Castro Petrolina, John Evans u Jose Pena.

Fil-fatt nhar il-5 t'April 2006 Domingo Ricardo Duran Navas trasferixxa l-ammont ta' hames mija sitta u sittin Liri Maltin ħamsa u disgħin ċenteżmi (Lm566.95) ekwivalenti għal ċirka elf tlett mija u għoxrin Euro tlieta u sittin ċenteżmi (€1320.63)) lil Jose Pena (li miegħu ġie arrestat fil-lejl tas-16 ta' Settembru 2006) fil-kont ta' dan Pena barra minn Malta. Meta mistoqsi wara li ġie arrestat meta sar jaf lil Jose Pena, Domingo Ricardo Duran Navas qal li kien sar jafu biss xahrejn qabel ma ġie arrestat.

Minn dan l-istħarriġ tal-Pulizija irriżulta wkoll li matul il-perjodu li Domingo Ricardo Duran Navas dam Malta huwa ma kellux xi impjieg legali f'Malta u/jew li kellu xi dħul u/jew introjtu ieħor leċitu minn Malta jew li kien introjtu leċitu ieħor miġjub minn barra minn Malta lejn Malta. Meta mistoqsi mill-Pulizija x'kien jaħdem fil-Panama huwa stqarr li għal dawk l-aħħar sentejn kien jaħdem bħala "real estate broker" u kien jitħallas fuq bażi ta' kommissjoni – iżda ammetta li l-aktar li kien qala fis-sena ta' qabel (2005) kien l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Dollaru Amerikan (US$25,000) dak iż-żmien kien ekwivalenti għal ċirka tmint elef tlett mija u tletin Liri Maltin (Lm8,330), li llum huwa ekwivalenti għal ċirka dsatax il-elf erba' mija u tlett Euro tmienja u sittin ċenteżmi (€19,403.68)) u l-prospetti għas-sena elfejn u sitta (2006) kienu l-istess.

Domingo Ricardo Duran Navas stqarr ukoll li meta ġie Malta huwa kien ġab miegħu (fi żminijiet differenti) total ta' madwar tlettax il-elf Liri Maltin (Lm13,000) (ekwivalenti għal ċirka tletin elf mitejn wieħed u tmenin Euro ħamsa u tmenin ċenteżmi (€30,281.85)) u li kien jikkalkula li nefaq madwar erbatax il-elf Liri Maltin (Lm14,000) (ekwivalenti għal ċirka tnejn u tletin elf, sitt mija ħdax il-Euro tnejn u għoxrin ċenteżmu (€32,611.22).

Iżda meta konfrontat bil-fatt li l-Pulizija kellha provi li huwa kien fil-fatt nefaq u/jew trasferixxa barra minn Malta ferm aktar flus minn hekk, (stante li minbarra l-ħlas effettwat għal parti mill-prezz tax-xiri tal-karozza Toyota Rav4, il-ħlas ta' kors ta' l-Ingliż, il-ħlas ta' kera ta' appartament, il-flus kontanti li kien ta' lil Omissis u spejjeż oħra relatati ma' ikel, xorb, ħruġ u affarijiet oħra) huwa kien ukoll trasferixxa barra minn Malta ammont totali ta' flus li kien jiskorri l-ħamsa u għoxrin elf, erba mija disgħa u tmenin Liri Maltin u disgħin ċenteżmi (Lm25,489.90) ekwivalenti għal ċirka disa' u ħamsin elf tlett mija ħamsa u sebgħin Euro disgħa u erbgħin ċenteżmi (€59,375.49) Domingo Ricardo Duran Navas ma kienx jaf jagħti spjegazzjoni raġjonevoli ta' kif kien hemm din id-differenza tant kbira bejn l-ammont ta' flus li hu qal lil Pulizija li kien daħħal f'Malta għal dawk l-ammonti ta' flus li l-Pulizija bil-

provi kkonfrontatu bihom li nefaq u/jew trasferixxa barra minn Malta tramite istituzzjonijiet finanzjarji Maltin f'kontijiet diversi ta' nies barra minn Malta.

Għalhekk irriżulta lill-Pulizija li minkejja li ma kienx jaħdem f'Malta bi qliegħ matul il-perjodu li dam hawnhekk u/jew li kellu sors ta' dħul ta' flus leċitu ieħor f'Malta u/jew miġjub lejn Malta minn barra b'mod legali jew imnissel minn sorsi legali oħrajn, l-ammont ta' flus li skond l-istess Domingo Ricardo Duran Navas huwa ġab f'Malta matul il-perjodu li dam f'Malta, kien ferm anqas mill-ammont ta' flus li l-istess Domingo Ricardo Duran Navas nefaq f'Malta għal ħtiġijiet tiegħu u/jew li trasferixxa barra minn Malta lil terzi persuni matul l-istess perjodu ta' żmien li huwa dam Malta.

Minħabba f'din id-diskrepanza kbira fiċ-ċifri pruvati lilu mill-Pulizija, meta mitlub sabiex jispjega dettaljatament minn fejn huwa ġab il-flejjes kollha minfuqa jew trasferiti minnu, Domingo Ricardo Duran Navas ma tax spjegazzjoni raġjonevoli li turi li l-flus kollha li huwa kien fil-pussess tagħhom f'Malta u/jew li ġab f'Malta u nefaq u/jew trasferixxa lil terzi persuni personalment tramite istituzzjonijiet finanzjarji lokali jew tramite Omissis (u l-kont personali tagħha) kienu flejjes li ġejjin minn provenjenza legali u leċita.

Inoltre, l-ammonti ta' flus miġbuda minn Domingo Ricardo Duran Navas tramite s-servizzi bankarji permezz ta' l-Automated Telling Machines (ATM) bil-credit card tiegħu kienu ftit ferm biex jiġġustifikaw l-ammont kbir ta' flus kontanti li Domingo Ricardo Duran Navas kien fil-pussess tagħhom.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi toħroġ stampa u sitwazzjoni ċara fejn kien hemm attivita jew attivitajiet kriminali sottostanti li minnhom inkisbu il-flejjes u effetti li kienu taħt il-kontroll u pussess ta' Domingo Ricardo Duran Navas matul il-perjodu li huwa kien u dam f'Malta.

Illi b'għemilu, l-imsemmi Domingo Ricardo Duran Navas, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, sar ħati talli, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta d-delitt ta' money laundering u ċioe talli ikkommetta :

(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop

ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess

proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq;

(vi) l-aġir bħala kompliċi rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha hemmhekk imsemmija, jakkuża lill-Domingo Ricardo Duran Navas talli f'Malta, bejn il-wieħed u għoxrin ta' Diċembru 2005 u l-10 ta' Settembru 2006, u b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta d-delitt ta' money laundering billi kkommetta :

(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess

proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq;

(vi) l-aġir bħala kompliċi rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq :

U jitlob li jingħamel skond il-Liġi kontra ta' l-imsemmi Domingo Ricardo Duran Navas billi jiġi ikkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn għoxrin sena jew il-multa ta' żewġ miljuni tlett mija disgħa u għoxrin elf, tlett mija tlieta u sebgħin Euro u erbgħin ċenteżmi (€2,329,373.40) jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien, kif ukoll tal-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull proprjeta, rikavat, flejjes jew effetti mobbli jew immobbli oħra skond il-Liġi u skond kif huwa stipulat u kif jintqal fl-artikoli 2, 3, 3(1), 3(2A)(a)(i), 3(3), 3(5)(a), 4A, 5, 6, 7 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikolu 22(1C)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ta' l-artikoli 17, 20, 22, 23, 23A, 23B, 31, 41, 42, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew ta' kull piena oħra li tista tingħata għall-ħtija ta' l-akkużat skond il-Liġi.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-Rikors Konguntiv tal-Avukat Generali w tal-akkuzat Domingo Ricardo Duran Navas, ta1-01 ta' Ottubru, 2012, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din l-Onorabbli Qorti li, fl-eventwalita` li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Domingo Ricardo Duran Navas ghall-akkuzi migjuba kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din l-istess Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija ghal perjodu ta' tliet (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija flimkien ma multa ta' hamest elef Euro (€5,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi ohra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u s-sejbien ta' htija inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u mmobbli tal-istess akkuzat ai termini tal-Kapitoli 9, 101 u 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, kif stipulat fir-rikors konguntiv, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata

li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Tiddikjara ghalhekk lil Domingo Ricardo Duran Navas ħati talli :

F'Malta, bejn il-wieħed u għoxrin ta' Diċembru 2005 u l-10 ta' Settembru 2006, u b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, ikkommetta d-delitt ta' money laundering billi kkommetta :

(i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-proprjetà jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

(ii) il-ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta wieħed ikun jaf li dik il-proprjetà tkun inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iii) l-akkwist, pussess jew użu ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

(v) it-tentattiv ta' xi ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq;

(vi) l-aġir bħala kompliċi rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq :

Ikkunsidrat,

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti thoss li f' dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli **2, 3, 3(1), 3(2A)(a)(i), 3(3), 3(5)(a), 4A, 5, 6, 7 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikolu 22(1C)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ta' l-artikoli 17, 20, 22, 23, 23A, 23B, 31, 41, 42, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta** tikkundanna lill-hati**, Domingo Ricardo Duran Navas** ghall-piena komplessiva ta' **tliet (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija flimkien ma multa ta' hamest elef Euro (€5,000)**;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Michael Mallia

Imhallef